MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 291/2004

**TAR-ROBBA LTD**

**vs**

**Lawrence Mamo u John Cachia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2004, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsu u ghoxrin centezmu (Lm743.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv u li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm743.25) bl-imghax pagabbli mid-data ta' meta l-ammont pretiz kien dovut sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------